Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,239, 26 ta' Lulju, 2019

Taqsima B

A.L. 176 tal-2019

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ (KAP. 441)

Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħinijiet tal-Ftuħ tan-Negozji

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 17 tal-Att dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ, il-Ministru għall-Ekonomija, l-Investiment u n-Negozji ż-Żgħar, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn regolamenti huwa Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħinijiet tal-Ftuħ tan-Negozji, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Ħinijiet tal-Ftuħ tan-Negozji, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 441.08.

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolamenti 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) tiegħu, minflok il-kliem "d-dispożizzjonijiet tal-Iskeda," għandhom jidħlu l-kliem "d-dispożizzjonijiet tal-Ewwel Skeda,"; u

(b) fil-paragrafu (ċ) tas-subregolament (4) tiegħu, minnufih wara l-kliem "b'eċċezzjoni għal dawk iż-żoni ġewwa Buġibba, l-Qawra u Paceville," għandhom jiżdiedu l-kliem "kif hemm provdut fit-Tielet Skeda.".

Jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

3. Fil-partita 12.1 tal-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "Marsaxlokk Xatt is-Sajjieda Il-Ħadd 6.30a.m. sa 6.00p.m.," għandhom jidħlu l-kliem "Marsaxlokk Xatt is-Sajjieda u Triq it-Torri Vendome Il-Ħadd 6.30a.m. sa 6.00p.m.".

Iżid skeda ġdida mar-regolamenti prinċipali.

4. Minnufih wara t-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, għandha tiżdied din l-iskeda ġdida li ġejja:

"It-Tielet Skeda
(Regolament 6)

Żoni msemmija ġewwa Buġibba, il-Qawra u Paceville fejn ebda daqq ma jista' jinstama' minn barra l-post wara s-1.00 a.m.

Buġibba u Qawra

Dawret il-Gżejjer
Iż-Żona Pedonali - Triq il-Bajja,
Parti minn Triq San Antnin,
Parti minn Triq il-Pijunieri sa Triq il-Ħallel
Parti minn Triq il-Ħallel sa Triq iċ-Ċerna
Triq it-Trunċiera
Parti minn Triq il-Qawra minn Triq l-Istamar sa Triq it-Trunċiera

Paceville

Trejqet Dragunara
Triq il-Ġdida fi Triq Santu Wistin